MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1899/2004

**Valhmor Borg Import Export Ltd**

**Vs**

**Joswil Galea**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm393.25 (tlett mija tlieta u disghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) dovuti bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta’ Mejju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-17 ta’ Ottubru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------